| **SPB/T/07/2023** | **Service Tender for the Provision of Street Sweeping and Cleaning of Locality of San Pawl il-Baħar, In an Environmentally Friendly Manner.** | **Saviour Mifsud** | **156,832.00** |
| **SPB/T/08/2023** | **Tender for the Provision of Passenger Transport Services for the SPB LC** | **Leone Grech** | **87.00** |

*Tabella 14 : Lista ta' Tenders 2023*

# 5.0 Safar

Fis-sena 2022 il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar iffirma ġemellaġġ ma' Oroslavje, Kroazja. Matul is-sena 2023 saret stedina mis-Sindku ta' Oroslavje lis-Sindku ta' San Pawl il-Baħar biex flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u kunsillier/a jattendu għal ċelebrazzjonijiet li jsiru għal jum iddedikat għal Belt ta' Orozlavje.

# 6.0 Skemi / Għajnuna Finanzjarja

Skema għal attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 – Il-Kunsill ibbenefika min €20,000 li ntużaw għall-attivita' Destination North.

### 6.1 Edukazzjoni

- Klassijiet tal-Yoga
- Klassijiet tal-Volleyball

### 6.2 Amministrazzjoni

- Online permits System – Apcopay
- Modifika tal-Bulky and Wee App
- Go – Rati aktar vantaġġjużi
- Sar ftehim fuq il-parkeġġ għar-residenti fl-iskola l-ġdida tal-Qawra
- Kull telefonata tiġi irrekordjata
- Żieda ta' capacity fl-istaff
- Jiġu miġbura il-ħlas ta' taxxa mħallsa żejda ma konvenju ffirmat 11 il-sena ilu (2011).
- Bdew il-preparamenti għall-devoluzzjoni tal-art mid-Dipartiment għall- Binja Ċentru Ċiviku.
- Sar ftehim għall-€4.5M li ser jintużaw għall-Binja Ċentru Ċiviku – DPF Funds.

## 7.0 Proġetti 2024

Qed titkompla l-ħidma fuq il-proġetti tal-Bandli fi Triq Cassarino u dak ta' Burmarrad kif ukoll qed isir xogħol fuq il-bust ta' Patri Elija Vella u Tony Camilleri, l-Bayzo

## 8.0 Finanzi

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2023 kienet is-somma ta' €

| | Unaudited | Audited |
|---|---|---|
| | 2023 | 2022 |
| **DĦUL** | | |
| Mill-Gvern | 2,157,477.00 | 2,231,459.00 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 36,759.00 | 21,427.00 |
| Dħul iehor | 308,400.00 | 228,466.00 |
| Minn Bye-Laws | 9,723.00 | 9,327.00 |
| Imgħax tal-Bank | 0.00 | 0.00 |
| | | **2,490,697.00** |
| **INFIEQ** | | |
| Is-Salarji | 446,625.00 | 376,020.00 |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet | 1,150,807.00 | 1,123,110.00 |
| Aministrazzjoni u Spejjeż oħra | 690,699.00 | 647,752.00 |
| | 2,288,131.00 | **2,146,882.00** |

*Tabella 16 : Finanzi għas-sena 2023 mqabbla mas-sena 2022*

## Kontijiet Bankarji

| | **Amount as at 31/12/2023** |
|---|---|
| | |
| BOV Bank Account: 15203330012 | € 19,908.43 |
| BOV Bank Account: 15207085033 | € 1,362,253.23 |
| BOV Bank Account: 40019994552 | € 499,965.00 |
| BOV Bank Account: 40021248542 | € 499,965.00 |
| BOV Bank Account 40020172460 | € 121,279.78 |
| Central Bank Account MT13MALT011000042013EURLCM50049 | € 27,517.49 |
| Central Bank Account MT25MALT011000042013EURLCM50027 | € 0.00 |
| Central Bank Account MT31MALT011000042013EURLCM50016 | € 173,587.62 |
| Petty Cash (Back Office) | € 125.00 |
| Petty Cash (Cashiers) | € 100.00 |
| Cash In Hand | € 3,041.48 |
| **Total:** | €2,707,743.03 |

*Tabella 17 : Kontijiet Bankarji*

# 9.0 Konklużjoni

Infakru li kull ċittadin jista' jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Se nagħmel appell sabiex l-Apps u l-pjattaformi li għandu il-Kunsill għandhom jintużaw kemm jista' jkun u b'mod tajjeb, dan sabiex innaqas traffiku w il-frustrazzjoni minn fuq it-telefonati lejn il-Kunsill.

Punt importanti li għandu jingħad, hu li diffiċli li jittnieżel dak kollu li jagħmel il-Kunsill, u jista' jkun li hemm xogħolijiet oltre li ma ġewx għal-attenzjoni tiegħi u għalek ma jinstabux mnieżla.

Huwa ferm apprezzat ix-xogħol li sar minn residenti li offrew ħin b'mod volontarju mingħajr ħlas matul is-sena 2023 għall-għajnuna lill-Kunsill.

Il-ħidma tal-Kunsill tirrikjedi il-Kunsilliera, il-ħaddiema, kuntratturi tal-Kunsill, l-Ngo's u lparteċipazzjoni tal-pubbliku inġenerali u għalhekk qed nikkonkludi dan ir-rapport b-ringrazzjament speċjali lejn dawn in-nies.

L-staff tal-Kunsill qegħdin hemm dejjem għad-diżpożizzjoni tal-komunita' iżda nitlob rispett u sens ċiviku in ġenerali b'hekk nifaċċilitaw ix-xogħol u nkunu nistgħu noffru servizz aħjar lir-residenti.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom!

## 10.0 Annex Dok A

# Rapport Finanzjarju 2023

2023

# Rapport ta' Ħidma

Sindku Alfred Grima

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

# Rapport ta' ħidma mwettqa mis-Sindku Alfred Grima

Perjodu: **1/01/2023 – 31/12/2023**

Kariga: Sindku

Risponsabli: Mix-Xogħolijiet, Infrastruttura u Proġetti
Mill-Attivitajiet u l-Għaqdiet
Mill-Infurzar ta' Liġijiet
Chairperson Bord Għażla tal-Ħaddiema
Chairperson Bord Infrastruttura
Chairperson Bord Attivitajiet

**Introduzzjoni:**

Tmiem l-**2023**, fissret li għaddew erba' snin u nofs mill-bidu ta' din il-leġislatura. Perjodu, li jiena ħdimt bħal dejjem bi grinta kbira u lealta' sabiex il-lokalita' tkompli tibni fuq il-ħafna tajjeb li flimkien wettaqna fl-aħħar snin. Nemmen, li l-kisbiet bla preċedent li ġew miksuba f'din il-leġislatura għandhom jiġu sostnuti b'ħidma kontinwa u mpenn totali.

Nistqarr, li bosta drabi l-burokrazija eċċessiva, nuqqas ta' kuntratturi u nies tas-sengħa fil-pajjiż xeklu bil-kbir ħidmet il-kunsill biex ikun f'pożizzjoni li jagħti livell ta' ħajja aħjar.

<u>Parteċipazzjoni f'laqgħat</u>

- Fl-**2023** mexxejt **13** il-laqgħat statutorja u **2** annwali.
- Żammejt laqgħat kull xhar ma l-uffiċjali taż-żamma ta' l-ordni.
- Mexxejt **5** laqgħat tal-Bord ta' l-Attivitajiet.
- Ipparteċipajt fil-laqgħat skedati tar-Reġjun Tramuntana bħala r-rappreżentant tal-kunsill.
- Żammejt laqgħat kontinwi ma Ministri, Seg.Parlamentari u rappreżentanti ta' entitajiet diversi.
- Iltqajt ma numru mdaqqas ta' Għaqdiet, NGO's, Negozji u residenti.

<u>Ħidma Amministrattiva</u>

- ✓ Segwejt u weġibt mijiet ta' applikazzjonijiet ta' żvilupp u għat-tqattiegħ ta' trinek fit-toroq.
- ✓ Irrappreżentajt, ħafna drabi b'suċċess, lill-kunsill f'applikazzjonijiet ta' żvilupp. Dan wassal biex il-kunsill franka eluf ta' Euro.
- ✓ Fassalt regoli għal-lokalita' dwar applikazzjonijiet għal bini ta' ċnut (hoarding) f'siti ta' kostruzzjoni.

Is-suċċess ta' dan il-kunsill jidher ukoll mill-fatt, li llum teżisti stabilita' u ordni fl-uffiċċju amministrattiv. Dan huwa dovut għas-Seg.Eżekuttiv u għall-ħaddiema li flimkien ta' kuljum qed inwettqu ħidma kbira.

<u>Finanzi</u>

- ✓ Flimkien ma l-Accountant u s-Seg.Eżekuttiv ħejjejna pjan ta' ħidma sena **2023**.
- ✓ Ħdimt biex **€22,006** marbuta ma l-għeluq tal-Kumitat Konġunt f'**2014** ġew irkuprati.
- ✓ **€6,221** ġew iffrankati bl-involviment tiegħi dwar kont ta' dawl li jmur lura ħafna snin.
- ✓ **€16,000** oħra daħlu fl-**2023** b'riżultat ta' ftehim li kont ilħaqt dwar it-trasport ta'l-anzjani.
- ✓ **4.5 miljun Euro** ġew riservati għaċ-Ċentru Ċiviku wara li lħaqt ftehim ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.

<u>Ħidma kkordinata mall-ħaddiema tal-kunsill</u>

Fl-**2023**, ressaqt mozzjoni biex jiġu mpjegati **4** ħaddiema oħra ta' l-id fil-gradd ta' Operative Hands biex illum il-kunsill jimpjega **8** persuni fuq barra. B'mod kontinwu u flimkien mas-Supervisor ikkordinajna lista twila ta' xogħolijiet li jsiru ta' kull jum, ewlenin fosthom hemm;

- Programm ta' ħasil bil-power wash tat-turġien u open spaces.
- Tibdil/tranġar ta' tabelli tat-traffiku.
- Rifreskar ta' bosta sinjali tat-traffiku.
- Xogħolijiet konnessi ma patching bil-cold asphalt.
- Ġbir ta' kwalunkwe tip ta' skart mit-toroq.
- Tranġar kontinwu ta' bankini u bdil ta' kaptelli.

Xogħolijiet ikkordinati ma entitajiet

B'mod konsistenti kont involut direttament ma lista twila ta' xogħolijiet ta' manutenzjoni u tindif li jsiru mill-ħaddiema ta' l-TZRA, MTIP u CMD.

Ħidma diversa

- Bilbords – Ħdimt biex inbidlu l-bilbords kollha ta' merħba fil-lokalita' b'messaġġi ambjentali.
- Traffiku – Mar-Reġjun Tramuntana ħdimt fuq rapport estensiv dwar immaniġjar tat-traffiku.
- Burmarrad – Ressaqt mozzjoni biex ġie nstallat arloġġ ġdid quddiem il-knisja.
  Fuq inizjattiva personali tħawwlu siġar u nżeraw pjanti fil-pjazza.
  Lidl laqgħu proposta biex għas-spejjes tagħhom taw kisja tarmak triq pubblika.
  Żgurajt, li f'**Burmarrad** u **x-Xemxija** jiġu stazzjonati żewġ kenniesa kontinwament .

- Parkeġġi – Ħdimt b'suċċess biex infetaħ parkeġġ għal **200** vettura fil-Kulleġġ Maria Reġina, Qawra.
  Nedejt ħidma biex possibilment jinfetaħ ukoll is-sular **-1** tal-parkeġġ b'ħinijiet ridotti.
  Ħadt ħsieb li jitneħħew estenzjonijiet ta' bankini li mhux jintużaw għal lis-skop li nħolqu.
  L-ebda parkeġġ ma ntilef biex jagħmel wisgħa għal estenzjoni ta' bankini ġodda.
  Bqajt viġilanti biex l-ebda parkeġġ ma jiġi meħud għal xi tower crane.
  Ħloqt parkeġġi ġodda kull fejn instabu llegalitajiet.

- Triq il-Mosta – Ressaqt mozzjoni biex tħawwlu bosta siġar bil-fjuri ġodda.
- Ġbir ta' bulky – Ħdimt mas-Seg.Eżekuttiv biex illum is-servizz jingħata mill-llum għal għada.
- Terrimot fit-Turkija – Ikkordinajt ħidma ma l-**4** skejjel u r-residenti fil-lokalita' b'risq il-vitmi.
- Drittijiet ta' l-Annimali – Ressaqt mozzjoni biex ġew allokati fondi għal ikel tal-qtates.
  Ipprovdejt diversi *cat shelters* magħmula minn materjal riċikabbli.

- Triq il-Korp tal-Pijunieri – Ħadt ħsieb li l-konteni turi ta' l-iskart kollha jinbidlu.
  Ikkordinajt ħidma biex ittejjeb l-aċċess ma Triq l-Għaxra ta' Frar
  Ikkordinajt xogħolijiet biex siġar invażivi jinqalaw.

Attivitajiet

Fil-kariga tiegħi ta' Chairperson u flimkien mall-membri tal-Bord organiżżajna l-attivitajiet segwenti marbuta mad-divertiment fejn għall-ewwel darba ttelgħet b'suċċess l-akbar attivita' tal-massa li qatt saret fil-lokalita' u li għalija attendew eluf ta' persuni.

*Karnival tas-Sajf*
*Destination North*
*Malta Folklore Festival*
*Christmas Parade*
*Qawra Community Christmas Fair*

Proġetti li ppproponejt

- ✓ Bust – Ressaqt mozzjoni biex isiru **2** bust b'dedika lil Patri Elija u lill-Kantant Toni Camilleri, l-Bayzo.
- ✓ Ta Fra Ben – Għaddej b'xogħol ta' ippjanar biex jinbena multi-purpose court u żona għall-BBQ's.
- ✓ Pelican lights – Tlestit Zebra Crossing ġdida oħra li kont ipproponejt fejn Ġnien is-Salini, Qawra.
- ✓ Erba Imwieżeb – Għaddej b'ħidma biex isir park rikreattiv issa li nbnew mill-ġdid it-toroq fiż-żona.
- ✓ Triq it-Trunċiera – Għaddej b'xogħol ta' ippjanar biex ż-żona tiġi rinovata għal użu mill-pubbliku.
- ✓ Latrini Publiċi Sirens – Ikkordinajt l-immoderniżżar tal-latrina mill-ħaddiema tal-kunsill.
- ✓ Burmarrad Kids Park – Il-proġett li wasal fl-aħħar fażi wara tiegħu wara diversi ntoppi.
- ✓ Tal-Vecc Park, Qawra – Proġett li wasal fi stadju tat-tqegħid tal-pavimentar.
- ✓ Monument għas-Sajjieda – Wasal fi stadju li l-Luzzu jibda jinżebaħ wara li ġie rrestawrat.
- ✓ Gallarija fi Triq San Franġisk – Tlesta kif ippjanat ir-rinovar b'kolloborazzjoni ma MTA.
- ✓ Belvedere Triq San Pubbliju – Proġett ta' MTA li ġie mwaqqaf kaġun ta' sejba ta' fdalijiet arkeoloġi.

Konklużżjoni

Dan ir-rapport konċiż jelenka parti minn ħidma ferm akbar li jiena wettaqt favur il-lokalita'. Erba' snin u nofs ilu kont wegħdt, illi se naħdem għall-ġid komuni, favur li tinġib stabbilita' politika fil-kunsill wara snin sħaħ ta' turbolanzi politiċi. Wegħdt governanza tajba.

Ħadd ma jinnega, li dan il-kunsill ma jeċċellerax fejn tidħol l-għaqda u l-armonija. Għall-grinta tiegħu biex ġew irkuprati eluf kbar ta' Euro dovuti lill-kunsill li tħallew jakumulaw minn leġislatura għall-oħra.

Dan il-kunsill se jibqa'imfakkar ukoll, għal iffirmar tal-ftehim ma l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex **4.5 miljun Euro** fondi ġew riservati għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku f'San Pawl il-Baħar li jinkludi parkeġġ taħt l-art u li bl-għaqal fit-tmexxija warrab **2 miljun Euro** oħra għall-istess għan. Dan minkejja li din il-leġislatura bdit b'defecit jeċedi **€103,000**.

L-akbar tragward tal-ħidma tiegħi favur din il-lokalita' intleħaq fil-**11 ta' Marzu 2024,** bl-iffirmar tal-kuntratt dwar art mogħtija mill-gvern biex fuqa jinbena Ċentru Ċiviku. Ħidma, li se twitti t-triq biex jibda jinbena l-akbar proġett fi 30 sena ta' storja tal-Kunsilli Lokali f'Malta.

Alfred Grima
Sindku

# 12.0 Ir-Rapport tal-Viċi Sindku

## Report for the Year 2023- Carlos Zarb- Vice Mayor

As Vice Mayor I am responsible from children and youths, sports and physical activities and voluntary work this is a summary of the initiatives I placed forward. It is worth mentioning that some have already been executed and thus today we are reaping their fruits others whilst others are in the pipeline and the target is to finish them by the end of June 2024.

Children and Youths

We have extended and improved the free Volleyball sessions in general but we gave special attention to the youth category and made sure that there is not a disbalance between for instance 17 year old and 13 year olds. Special thanks goes to the excellent Coach, Rachel Caruana for here professionality and dedication whilst also thanking the Bognor club.

Together with the Executive Secretary and the NGO Prisms I coordinated and took charge to submit applications to get EU funds under the heading of Erasmus plus+ and for first time ever our council qualified for approx. 35,000 thousand euros. Consisting of two projects, the first is a training course which will be implemented by February 2024 and will see around 16 participants from 6 different countries. The second is a youth exchange in Greece which will see 25 participants from 3 different countries, this will need to be executed by end of April. These project present the opportunity, improve the locality and the councils profile on an international level and network and even generate money within the locality`s economy when hosting the project.

For the third summer in a row we hosted the Saturday Splash event where children from the locality had the possibility to enjoy an afternoon of entertainment and free access to the water park. This wouldn't have been possible without the cooperation of Quattro Water Park Buġġiba. It is a positive note to mention the event was fully booked and we had to close the applications early.

I have met with a number of stakeholders such as the St.Pauls Bay headmistress, the leader of the Qawra Pre-youths centre and the Scouts Skipper, to discuss possible cooperation for events whilst also promoting the services we provide for children and youths.

Sports

To promote micromobility and sustainability for the first time ever the local council approved and installed a Bike repair kit making it one of three council at the time to install such infrastructure to complement it four bike racks where installed.

We extended the yoga and volleyball sessions for another year. In relation to the latter I started working on agreement with Bognor club where by 2024 we are expected to have reached a five year agreement which will benefit the locality as it will ensure these sessions will continue with the possibility also to start basketball sessions by the end of our legislature June 2024. On another note I worked with Sirens Running Club where we prepared and launched the initiative "Sunday Hikes". An initiative where residents and members of the club embark on a hike around the island thus promoting an active lifestyle whilst enjoying Malta’s scenery

Through an number of collaborations with an number of sports organisations including MSSA and MSA we hosted the first edition of "Sports Fest". Through this activity we managed to collect the sum of €844 which went directly to Puttinu Cares. I would like to take the opportunity to remark the advancement that the local council did in this area as 4.5 years ago no initiative was being done in this sector, today we have 3 different physical activities being done throughout the year (with more in the pipeline) whilst also a major event every year.

<u>Other Areas</u>

Last February of 2023 I pushed for a well needed update to the "Mobile App" to improve the service provided to our residents. In all honesty I would like for the administration to maximise all the app's potential as I believe our reach could be better.

Participation, coordination and organisation of a number of Clean ups around the locality. A special thanks goes to Green Waves for their work and all other voluntary groups and persons who contributed in this area .

Attended numerous meetings with a number of diversified stakeholders which affect the locality one way or another. I also filled and more importantly followed up on countless reports which where brought to me directly by the residents.

# 13.0 Ir-Rapport tal-Kunsilliera

## Kunsillier Chris Vella Petroni - Sena 2023

Bhala kunsillier li nservi fil-lokalita a' San Pawl Il-Bahar fejn jien responsabli mill-indafa fejn ghamilt diversi rapporti biex issir tindif fil-lokalita kif ukoll ghamilt diversi Clean up biex il-lokalita kun iktar nadifa u ghamilt diversi rapporti fuq bankini imkisrin xi hofor fit-Toroq u xi hsara ta xi ilma u dawl mhux jixell u rapporti fuq Bulky refuse u hdimt mall-Vici Sindku biex issiru attivitajiet Sportivi.

Grazzi u Tislijiet,

Chris Vella Petroni.

## Kunsillier Anthony Delia – Sena 2023

Ghaziz Segretarju,

Nixtieq ngħaddi dan ir-rapport ta' ħidma tieghi lil kunsill. Bħas snin ta' qabel jien kelli id-dekasteru tal qasam soċjali.
Nistqar li meta' is-Sindku arrafni b'din il kariga fil bidu meta' gejt elett kunsillier qajla kont naf kif nista' nkun ta' servizz lejn ir-residenti fi ħdan dan ir-rwol.
Għaldaqstant bdejt niltaqa' mar residenti u nisma dak kollu li jsawwar il ħajja taghhom.
Min bil problemi ta' kuljum, min bi problemi finanzjarja, min bi problemi ambjentali, anzjani imħassba dwar serq u sigurtà fil lokalità, min jitkellem dwar l' ammont eccessiv ta' abitazzjoni u ħafna aktar.
Bis saħħa ta' dawn il-ħsibijiet stajt inwassal il vuċi, l' ilmenti fil laghqat li nattendi dwar il qasam soċjali fil-lokalità taghna ta' San Pawl il-baħar flimkien ma għaqdiet oħrajn.
Flimkien mal
Community Police,
Djakonija Parroċċa Qawra,
Agenzija zghazagh,
Human rights directorate,
Roland McDonald house charities Malta,
Sirens running Club,
British residence association,
Serbian Maltese group,
Sudanese community Malta u għaqdiet oħrajn , infasslu, nitkellmu kif ħa ntejbu il-ħajja tar-resident.
Żgur li dawn il-laghqat qed iħallu il frott biex ikollna socjetà aktar sana.

Tislijiet,
Anthony Delia
Kunsillier Qasam soċjali.

## Kunsillier Mario Salerno – Sena 2023

Kien privilegg li nservi ta' kunsillier fil- kunsill lokali ta' San Pawl il- Bahar fejn fuq medda ta' hames snin kellna esperjenza differenti minn snin ta' qabel. Kellna l- epidemia tal- Korona Virus, li halliet anke xi mwiet fil- lokalita taghna bhal bqija ta' lokalitajiet ohra f' pajjizna.

Minkejja d- diffikultajiet kollha kienet sodisfazzjoni li nahdem f' team li pogga l- interessi tal- lokalita qabel kull haga ohra. Naturalment ma ghamilnix il- lokalita fuq ir- rubini, imma minkejja burokrazija li kultant ma taghmilx sens, kif ukoll xi xkiel jew xi diffikultajiet kultant anke minhabba ragunijiet personali nbiddlu xi kuntratturi bhal gardinara u impjegati fl- ufficcju amministrattiv tal- kunsill lokali.

Meta jkun hemm ic- caqliq fl- operat jintilef il- hin u certu hidma ppjannata taqa' lura. Allura fil- mannigg tal- pjan t' azzjoni jkun hemm xi varjazzjoni fit- tehid tar- rekords tal- operat.

Matul dawn l- ahhar hames snin, kellna zjieda fit- tahwil tas- sigar li minkejja in- nuqqas tal- ilma rnexxielna nrawwmu arbuxelli u sigar indigeni. Ma hux facli li tikkonvinci lil kulhadd anke lil xi gardinara biex iwettqu l- aqwa prattici agrikoli tajbin. Fuq dan il- punt nishaqq ghal aktar tahrig " hands on gardening"  lil kull gardinar qabel jibda' l- hidma fuq siti rotob fil- lokalita. Tistennix mirakli mill- gardinara jekk ma jkunux ippreparati u mgharrfa bl- icken dettalji bhal tisqija, harsien tal- mard tal- pjanti u x' tip ta' flora tghodd fil- lokalita.

Sodisfazzjoni kbira ghandi wkoll li matul dawn il- hames snin hdimt mas- surmast u l- istaff tal- iskola tal- Wardija fejn mexxejthom sabiex jaqilbu r- raba' taghhom ghal biedja organika. Din l- iskola fil- lokalita taghna hija l- ewwel skola maltija fost mija u tletin skola f' pajjizna li ghandha c- certifikat tal- Biedja Organika. L- istaff, il- genituri u specjalment l- istudenti specjali huma kburin li jipproducu prodotti organici. Biex inkomplu nsahhu din it- tema ta' Best Agriculture Practices, ktibt manwal fuq il- Biedja Organika sabiex joffri linji gwida f' dan is- settur.

Xoghol iehor konness li dhalt ghalih minghajr daqq ta' trombi huwa li fl- iskola ta' San Pawl il- Bahar indahhlu vertical wall. Dan kien possibli billi ikkordinajt mal- Local Action Group tal- Majjistral fejn ingibu l- fondi ghal dan il- progett li qieghed fil- bitha ta' l- istess skola.

Hidma ohra li saret fl- istess skola ta' San pawl il- Bahar kien fil- librerija fejn il- kunsill lokali kien bi hgaru wara r- refurbishment tal- librerija sabiex tkun aktar attrajenti. Inghattaw kotba mill- kunsill lokali sabiex anke nistimulaw in- numru tal- qarrejja tal- kotba.

Progett siewi f' din l- iskola huwa l- integrazzjoni tal- genituri " new maltese" tat- tfal li jattendu f' din l- iskola. L- issue tal- multikultarizmu hija realtà fil- lokalita u fil- binja tal- iskola se jkun varat aktar tard din is- sena programm edukattiv sabiex il- barranin jidhlu fil- hajja socio- kulturali ta' San Pawl il- Bahar minghajr skossi. Ghadna fil- bazi preliminari, fejn l- Universita se taghmel tajjeb bhala spiza tal- programm b' kordinazzjoni mal- Principal tal- Kullegg Maria Regina.

Fid- dekaster tieghi fil- qasam tal- kultura u fl- izvilupp rurali, dort ta' spiss fis- Siti Natura 2000 kif ukoll fix- xaghri tal- lokalita. Irnexxielna nikkonvincu lil gvern centrali biex jahtar green warden sabiex jiehu hsieb il- medda naturali wara l- knisja tax- Xemxija, fejn jikbru hafna pjanti protetti. Fix- Xemxija ghandna gawra " Heritage Trail" li hadem hafna fuqha il-

mikbi Frans Scerri. Personalment minnix kuntent li ma ghandix green warden biex jiehu hsieb dan il- legat storiku u arkejologiku. Nispera li ma dumux ma jkollna imqarr persuna mhallsa bhal green warden biex tiehu hsieb il- Heritage Trail tax - Xemxija.

Meta ntlabt biex nitla’ niddefendi xi zvilupp urban fuq xi siti rurali, kelli L- esperjenza li niddefendi fis- seduta tal- Planning Authority il- Wied tal- Bufula. Grazzi tal- argumenti u r- ragunijiet li spjegajt lil Planning Authority salvajna dan il- Wied mhux biss ghax mghonni bi flora u fawna protetta imma wkoll minhabba in- nixxieghat tal- ilma tax- xita li jista’ wkoll jaghmel xi hsarat lir- residenti tal- vicin specjalment f’ xi maltempata.

Bhala kunsillier li wkoll ikkwalifikat fis- social work, stajt naghti wkoll xi pariri lil dawk li irrekjedu xi forma ta’ ghajnuna socjali. Din it- tema se tikber aktar il- quddiem u b’ vizzjoni l- kunsill lokali ghandu jkollu ir- risorzi biex jindirizzaha.

Nixtieq nizi hajr lil kunsilliera kollha u lill- istaff amministrativ u jekk il- bambin irid, jekk il- poplu ghandu l- pjacir biex jeleggini fil- legislazzjoni li gejja, jiena inkun grat ghall- fiducja li jaghtuni biex nahdem hames snin ohra ghal kommunita .

Grazzi u tislijiet,

Mario Salerno

Kunsillier

# Kunsillier – Alfred Bray

## Dekastari-Turizmu u Kummerc

## Bord tal-Impjiegi u Burmarrad

Nibda billi nirringrazzja lil Onorevoli Ministru Clayton Bartolo, tax- xoghol meraviljuz li sar gewwa x-Xemxija, billi inqalghu il-hand r-railing kollhu mix-Xemxija sal-Qawra, u irrangati billi gew mibruxa u sprajati, mill-gdid.

Il-Bankini gew imwessajn u tpoggew xtieli, saru litter Bin godda kemm ghan-nies u anki ghal animali mal-promenade kollhu biex b'hekk l post jinzamm aktar nadif.

Hu nirringrazzjaw lil Ministru Clayton Bartolo, talli ghal bosta drabi batt tal-Cleansing Dipartment inaddfu l-inhawi tad-distrett kollhu taghna.

Kellimt xi Sidien tal -Bars fejn qalluli rigward xi dwal maqtugha fit-toroq vicin l-istabllimenti taghhom fit-triq t-turisti, u din tinsab verament mud lama, qed nirreferi ftit l-isfel fejn x xtajta.

Kelli ukoll xi ilmenti ukoll mir-Residenti tal inhawi dwar x-xorb u flixken mitfuha ma l' art, hdejn c-Cnut tar-residenza taghhom.

Rapport li Awtoritajiet saru personalment minni fl-ghassa tal-Qawra f' dan r rigward u haddu passi minnufih ghax skond l-ligi ma tistax tixrob l-birra u lis-spirti ohra barra fit-toroq Residenzjali u din ligi ghadiet bis-sahha tal-Kunsill Lokali prezenti.

Inzammet ukoll Ordni Stretta fil-Parti il-Gdida tal-Bini fis-Suncrest Hotel. Sal-lum x-xogholijiet tlestew u infetthet ghall-pubbliku.

## Burmarrad

L- Ewwel haga li ghamilt, mort fuq inizjattiva tieghi inkellem l-bdiewa fl -inhawi, biex jigu irrangati l-hitan tal-ghelieqi u il-hitan tas-sejjieh biex ikollna Ambjent mill-isbah.

Fil-fatt b ghajnuna prezzjuza li taghni s-sindku Mahbub taghna Alfred Grima dan sehh.

Kien hemm mumenti li jiena kont prezenti, biex nara l inaddafa titwettaq l-madwar Burmarrad.

Ma nistax ma nirringrazzjax l -Sindku prezenti Alfred Grima li jghin dejjem bla gheda biex sitwazzjonijiet tat-toroq, gew solvuti fi iqsar zmien possibli.

Ghandi ukoll nghid li geww irrangati xi bankieni f' inhawi ta burmarrad.

Gew solvuti ukoll xi problem li ghadhom x 'jaqsmu mas-Settur tal- Kostruzzjoni, hu geww solvuti ukoll. Bhall-iskruttura li saret tal-Lidl u li zzammejna l -ordni stretta fil-binja imsemmija u li llum tlestit minghajr precedent.

Il-Bandli ta' Burmarrad wasal fi stadju Avanzat biex jitlestew.

Kelli feedback min ghand n-nies tal-madwar li irringrazzjawni li sebbahtilhom t-toroq tal-Madwar.

## Board Tal-Impiegi

Intqajjna aktar min erba darbiet biex naghmlu interviews fosthom kien hemm, xoghol ta' Gardinar, Manutenzjoni, u kif ukoll Bennejja. Saru interviews ohra relattati mal-bzonnijiet tal-Kunsill.

Intqajna ukoll bosta drabi ohra b'urgenza biex insolvu l problem li inqallu Matul x xhur.

F 'Ahhar, nirringrazzja mill-qalb lil vici sindku Carlos Zarb u il kunsillier Christopher Vella Pettrone tal-clean ups illi sikwiet jaghmlu biex izommu l inhawi taghna kollha nodfa.

Fil fatt jiena nissugerixxi lil f' inhawi ikun hemm aktar infurzar mill- Puluzija tal-komunita biex l problem jissolvew darba ghal dejjem.

Wara d daqqa ta' harta, tal Covid-19 issa bdejna niehdu r ruh ,turizmu hotels ecc..hu l business beda jirranka sewwa.

Nalaq billi nghid Grazzi kbira lis-sindku Alfred Grima u l membri tal kunsill kollha fejn b ghajnuna ta' kulhadd, irnexxilna insolvu bosta problem flimkien ,team tajjeb. Hu li qdejna n-nies biex jghixu ahjar f inhawi taghna.

**KUNSILLIER**

**ALFRED BRAY**

Jiena Antoinette Bezzina kunsillera
ġewwa il lokalità ta' San Pawl il
Baħar u inkarigata mill-anzjani.
Din hi it-tielet darba li sa nikkontesta
l-elezzjoni tal kunsill lokali. Jiena
magħmula tarġit kulturali ta' kull
xogħar li jikom jattendu ħafna
anzjani. Jiena nikkomunika
magħhom billi inċempilhom u
jiftħu qalbhom miegħi u jien nifhom
għax anzjana bħalhom. Hekk
ikellhom lzom xi ħaġa jiena
dejjem lesta biex ngħinhom jew
inċempel il kunsill jew xi dipartiment
tal Gvern skond xi tkun il problema.
Jiena nħoss li dejjem kont
kuntenta u iddedikata għad
dekasteryu li kont fdata.

# TMIEM